MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 781/2011/1

**Brian Constructions Ltd**
**vs**
**Roderick Bezzina**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tad-9 ta’ Gunju 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat li saret fil-14 ta’ Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2011;

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti; it-tieni haga hi li r-rikkorent

ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi mmirata biex izzomm lill-intimat milli jkompli bl-izvilupp tal-propjeta tieghu billi jaghti appalt lil terzi meta r-rikorrenti kellu ftehim ta appalt mal-intimat u gie mwaqqaf mir-rikorrenti milli jkompli jezegwih.

L-intimat irrisponda preliminarjament illi l-ftehim tal-appalt sar ma Bezrod Limited u mhux mal-intimat personalment. Din l-allegazzjoni ma gietx segwita bi prova u qed tigi skartata iktar u iktar meta l-ittra ufficjali tar-rikorrenti saret kontra l-intimat u illi l-istima ta' xoghlijiet li tlestew mir-rikorrenti maghmula mill-perit Mario Axisa esibit bhala Dok. A1 u A2 mill-intimat stess huma intestati lill-intimat personalment.

In kwantu ghal mertu tal-kwistjoni l-intimat qed jirrispondi illi r-rikorrenti dam ma esegwixxa l-appalt koncess lilu u ghalhekk gie mibdul ma iehor minghajr pregudizzju ghal hlasijiet dovuti lir-rikorrenti ghax-xoghol li lahaq ghamel.

Il-Qorti tqis,dejjem bla pregudizzju ghal dak dovut lir-rikorrenti u l-konsegwenzi li jinsorgu mill-waqfien tieghu li jkompli bl-appalt, l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili jaghti id-dritt lil min jinkariga lil xi hadd biex jesegwixxi appalt sabiex jittermina fi kwalunkwe hin tali appalt bil-konsegwenzi kollha li jinsorgu mill-ligi stess inkluz dritt ghad-danni ghal terminazzjoni bla gustifikazzjoni.

Kwindi hu car li jonqos l-element tad-dritt prima facie kif invokat mir-rikorrenti li mhux sostanzjat mill-ligi, kif ukoll jonqos l-element tan-necessita, element indispensabbli ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni billi d-drittijiet tar-

rikorrenti huma kawtelati mill ligi stess fid-dispozizzjonijiet dwar il-waqfien mill-appalt.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------